**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Illum il-11 ta' Frar 2022**

**Il-Pulizija**

**-vs**

**Emanuel Zammit**

**(Karta tal-Identita' 93172(M))**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Emanuel Zammit, iben John u Josephine *nee'* Caruana, mwieled il-Gudja, nhar is-27 ta' Dicembru, 1971, residenti gewwa *Moonlight*, Triq Santa Marija, z-Zurrieq, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 93172M, senjatament akkuzat talli;

1. Fid-9 ta' Novembru, 2020, ghall-habta ta' 09:25*hrs* u fi granet u l-hinijiet ta' qabel waqt li kien qieghed gewwa z-Zurrieq u fil-gzejjer Maltin, ma ssodisfax il-kondizzjonijiet fil-progett tal-Gvern ghar-ricerka fuq seba' speci tal-ghasafar tal-ghana fil-harifa tal-2020 mahruga mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi skond Avviz Legali numru 399 tal-2020 u kull ligi ohra, *cioe'*;
2. Bhala persuna licenzjata u awtorizzata sabiex jippartecipa fil-progett ta' ricerka ghas-seba' speci tal-ghasafar tal-ghana, ghamel uzu minn mansab li ma giex registrat f'ismu ghas-sena 2020 fl-istadju tal-applikazzjoni, bi ksur ta' kundizzjoni numru 8 tal-Licenzja Specjali hekk kif mitlub minn Regolament 7 (d) ta' A.L. 399 tal-2020.

Il-Qorti kienet mitluba li barra li taghti l-piena taht ir-Regolament 27 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Rat l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu, liema ammissjoni gie kkonfermata wara li l-qua imputat nghata bizzejjed zmien sabiex jirrikunsidra l-istess u jerggha jitkellem mal-avukat difensur;

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Li bl-ammissjoni tal-imputat, l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu gew sodisfacentament pruvati;

**Decide.**

Ghal dawn il-mottivi, wara li rat ir-regolamenti relevanti tal-ligi partikolarment ir-regolamenti 7 u 9 tal-Avviz Legali 399 tas-sena 2020 dina l-Qorti, fuq ammissjoni, qed issib lill-qua imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundannah ghall-multa ta' elf Euro (€1,000).

Il-Qorti, fit termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, qed tordna ukoll s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta' sentejn millum.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur.